## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 443/2018/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Victor Paul Borg**

Illum 20 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Victor Paul Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 28171(G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn l-1 ta' Lulju 2017 u t-30 ta' Settembru 2017 f'diversi nħawi f'Għawdex:

1. għamilha ta' gwardjan privat mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa taħt l-Att dwar il-Gwardjani Privati u l-Uffiċjali tal-Komunita' u dan bi ksur ta' Artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mpjega, ħaddem jew ppermetta l-użu tas-servizzi ta' gwardjani privati meta dawn is-servizzi ma ngħatawx minn aġenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati li għandhom liċenzja skont l-Att dwar il-Gwardjani Privati u l-Uffiċjali tal-Komunita' sabiex jagħmlu dan u dan bi ksur ta' Artikolu 4 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 162 *et seq.*) fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, wara li rat Artikoli 4 u 25(ċ) ta' Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu multa ta' mija u ħamsin Euro (€150.00).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena u provediment, anke dik l-aktar ħanin."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, lill-partijiet jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq li l-aggravji tal-appell huma s-segwenti:

- Dwar l-ewwel imputazzjoni, l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li l-fatti li jsemmi l-kwerelant lanqas biss jinkwadraw f'Artikolu 3 ta' Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta għax dan l-artikolu ma jgħidx li persuna ma tistax tagħmilha ta' gwardjan privat għaliha nnifisha. Jgħid li dan huwa kkonfermat mid-definizzjoni ta' "gwardjan privat" u "aġenzija ta' gwardjani privati" f'Artikolu 2 tal-Kapitolu msemmi. Jisħaq li hu ma kkommetta l-ebda reat taħt Artikolu 3 in kwistjoni.

- Dwar it-tieni imputazzjoni, l-appellant jargumenta li mhuwiex reat li wieħed jingaġġa investigatur mingħajr liċenzja. Jaqbel li huwa ngaġġa lil Alfred Attard sabiex jagħmel xogħol ta' investigatur privat u jissottometti li ma kellux l-obbligu legali jivverifika jekk Attard kienx liċenzjat jew le sabiex jagħmel ix-xogħol ta' investigatur privat qabel inkarigah għal dan ix-xogħol. Ma jaqbilx mal-interpetazzjoni li l-Ewwel Qorti tat ta' Artikolu 4 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta peress li skont hu l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-aħħar sub-paragrafu tad-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" li hemm f'Artikolu 2. Skont hu, mingħajr dan il-paragrafu ħafna tranżazzjonijiet kummerċjali ma jkunux jistgħu jsiru. Jargumenta li hu kellu ftehim kuntrattwali biex Alfred Attard jiġbor l-informazzjoni u li b'dan il-mod daħal fis-seħħ id-dettami tas-sub-paragrafu msemmi minnu u b'hekk ma jkunx applikabbli Artikolu 4. Jgħid li r-relazzjoni bejnu u Attard kienet ta' impieg ta' natura każwali u dak li jgħodd għall-Kunsilli Lokali u għal xi aġenzija ma jgħoddx għalih. Jisħaq li r-relazzjoni bejnu u Attard ma kinitx dik ta' gwardjan privat. Jgħid li minkejja li l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għas-sentenza tas-26 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gordon Mifsud**, pero' l-fatti f'din is-sentenza kienu differenti u l-Qorti f'dik is-sentenza ma kinitx eżaminat id-definizzjoni tat-terminu "gwardjan privat" u l-aħħar sub-paragrafu tad-definizzjoni tat-terminu aktar 'il

fuq imsemmi. Jgħid li waqt id-Dibattiti Parlamentari mkien ma ngħad li jekk wieħed jingaġġa investigatur privat mingħajr liċenzja dan jaqa' taħt Artikolu 4 u li fid-diskors parlamentari tiegħu dwar Artikolu 4, l-Onor. Dr. Tonio Borg kien probabilment qed jirreferi għas-servizz ta' *private security* illi jagħmlu l-aġenziji ta' gwardjani privati u, skont l-appellant, *"gwardjan privat jkun gwardjan privat meta jaħdem ma' Kunsill Lokali jew ma' Aġenzija (dak li fid-diskors parlamentari huwa sejjaħ private security)"* (*a fol.* 182).

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali, inkluż mir-Rikors tal-appell u mis-sottomissjonijiet li saru dwaru, jirriżulta li l-qofol ta' dan l-appell huwa x'interpretazzjoni għandha tingħata lil ċerti artikoli li jinsabu f'Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti tant li f'paragrafu 10 tar-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jissottometti li huwa jaqbel mal-fatti saljenti li rriferiet għalihom l-Ewwel Qorti, *"jiġifieri li huwa ingaġġa lis-Sur Alfred Attard sabiex huwa jagħmel xogħol ta' investigatur privat."*

Illi l-Qorti ser tagħmel riferenza għal dak li jipprovdu l-Artikoli rilevanti ta' Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta:

- Artikolu 3 jaqra hekk:

> "Ebda persuna ma għandha taħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat jew hekk toffri s-servizzi tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att."

- Artikolu 4 jiddisponi:

> "Ebda persuna ma tista' timpjega, tħaddem jew tippermetti l-użu ta' servizzi ta' gwardjani privati

kemm-il darba dawk is-servizzi ma jingħatawx minn aġenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati, skont il-każ, li għandhom liċenza skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att."

- Artikolu 2 jagħti, fost l-oħrajn, is-segwenti definizzjonijiet:

  ""gwardjan privat" tfisser individwu li hu impjegat jew li jaħdem ma' aġenzija ta' gwardjani privati fil-provvista ta' servizzi ta' gwardjani privati inklużi dawk is-servizzi f'postijiet ta' divertiment u servizz ta' gwardjani privati speċjalizzati;"

  ""servizz ta' gwardjani privati" tfisser kull servizz ta' gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti minn xi dipartiment tal-Gvern jew awtorita' taħt id-dispożizzjonjiet ta' xi liġi oħra barra minn dan l-Att, mogħti minn individwu jew minn għaqda ta' persuni, korporata jew le, dwar –

  [...]

  (i) servizzi ta' investigazzjoni privata;

  [...]

  iżda ma tinkludix xi servizzi ta' gwardjani privati provduti lil xi persuna, barra minn aġenzija ta' gwardjani privati jew Kunsill Lokali, minn impjegat tagħha kemm *full-time*, *part-time* jew każwali."

- Illi fil-verżjoni Ingliża dan l-aħħar paragrafu jaqra hekk:

  *"but shall not include any such services provided to any person, other than a private guard agency or a local council, by his employee whether full-time, part-time or casual."*

Illi l-Qorti hija tal-fehma li issa tagħmel riferenza għad-definizzjoni ta' "impjegat" li tingħata f'Artikolu 2 ta' Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali):

> ""impjegat" tfisser persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li tagħmel xi xogħol jew ħidma għal ħaddieħor, u taħt id-direzzjoni u l-kontroll immedjat ta' persuna oħra, u tinkludi ħaddiem ta' barra, iżda teskludi xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali jew bħala kuntrattur għal persuna oħra meta dak ix-xogħol ma jkunx regolat minn kuntratt speċifiku."

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza u tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Oliver Abela** (Numru 8/2013) u kif ukoll b'mod partikolari fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Caruana** (Numru 370/2011), it-tnejn mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, u tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet ulterjuri:

- Artikolu 4 ta' Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li lil min tqabbad irid ikollu liċenzja;

- il-proviso li jidher taħt id-definizzjoni ta' "servizz ta' gwardjani privati" jeskludi lil xi impjegat ma' xi persuna kemm *full-time*, *part-time* jew każwali;

- ħarsa lejn id-definizzjoni ta' "impjegat" f'Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta twassal għall-konklużjoni li din il-kelma ma tinkludix *"xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali jew bħala kuntrattur għal persuna oħra meta dak ix-xogħol ma jkunx regolat minn kuntratt speċifiku"*;

- ir-relazzjoni ta' Attard mal-appellant ma tistax titqies bħala dak ta' "impjegat" – la *full-time*, la *part-time* u lanqas każwali.

Illi għalhekk isegwi li r-relazzjoni bejn Attard u l-appellant ma kinitx dik ta' impjegat kif jikkontempla l-proviso msemmi aktar 'il fuq. Ġialadarba Attard mhux impjegat, il-proviso ma japplikax għalih. Għaldaqstant, għall-appellant japplika Artikolu 4 ta' Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti mhux ser tidħol f'dak li ssottometta l-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni għaliex l-Ewwel Qorti lliberatu minnha u anqas ma sar appell dwarha mill-Avukat Ġenerali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Victor Paul Borg u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**